MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1263/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Abdeladeim Mohammed Bashir Al Shohumi**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Abdeladeim Mohammed Bashir Al Shohumi** detentur tal-passaport Libjan bin-numru 926149;

> Akkuzat talli fit-13 ta' Dicembru, 2014 u jew fil-granet ta' qabel f'Malta iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'permesso di soggiorno jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu permesso di soggiorno Taljan jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Abdeladeim Mohammed Bashir Al Shohumi (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta)
>
> Kif ukoll nakkuzah talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta)
>
> Kif ukoll nakkuzah talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 5 tal-Kap 61, 189 tal-Kap 9 u 32(f) tal-Kap 217 tal-ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur u tal-avukat difensur;

Tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' seba (7) xhur mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------